MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2003

Numru 648/2002

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Tonio Mifsud, iben George, imwieled Victoria, Għawdex
fis-7 ta’ mejju, 1975

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli fis-7 ta’ lulju, 2002, għal ħabta tal-4.50 p.m.
fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, waqt li kien qed isuq il-vettura, bin-numru
tar-reġistrazzjoni JAE 208, b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fis-sewqan u/jew nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ħabat bl-istess vettura u ikkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Dolores Carida Estrada Casanas u ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Consiglio Bugeja, skond kif iċċertifikaw

Dr. Diane Tabone M.D. u Dr. Alan Drago M.D., rispettivament, mill-Isptar San Luqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi fis-7 ta' Lulju, 2002 għal ħabta tat-3.30 p.m., l-imputat kien qed isuq il-karozza tiegħu tal-għamla Suzuki Baleno, bin-numru tar-reġistrazzjoni JAE 208. L-imputat flimkien ma erba' persuni oħra tiegħu f'din il-karozza u huma kienu ġejjin minn Għawdex fejn marru għall-ġurnata. L-imputat hu Għawdxi u kienu marru jieklu għand ommu. Huma kienu ġejjin lura u kienu waslu San Pawl il-Baħar fit-tela magħrufa bħala 'Tal-Veccia'. Hekk kif il-karozza qabdet it-tela l-imputat xehed li ħass xi ħaġa minn wara, ipprova jżomm il-karozza iżda din baqgħet sejra dritt u daħlet fil-ħajt tal-kantuniera.

Illi konsegwenza ta' dan l-inċident il-persuna li kien riekba fis-seat ta' quddiem, Consiglio Bugeja, ġarrbet feriti ta' natura ħafifa. Fil-ħin ta' l-impatt hu kien rieqed u ma kienx liebes 'seat belt'. Dolores Carida, li kien riekba fua is-seat ta' wara eżatt wara l-imputat ħabtet rasha u sofriet ġrieħi ta' natura gravi konsistenti f'marka żgħira fuq wiċċha li ħalliet marka. Fil-ħin ta' l-inċident hi kienet rieqda u ma tafx x'ġara.

Illi l-imputat u iż-żewġ persuni oħra li kien imqajma xejdu li l-ispeed tal-karozza kienet ta' cirka 30 jew 35 kilometru fis-siegħa. Fil-fatt, fejn ġara l-inċident hu fl-abitat, kienu qed isuqu wara karozzi oħra u mhux post fejn tista' issuq b'ċertu veloċita'. Id-dinamika ta' l-inċident ma ħarġitx mix-xhieda tal-persuni li kienu

fil-karozza.  Ma kien hemm ebda karozza oħra nieżla mid-direzzjoni opposta u ma kien hemm ebda xhud okulari ndipendenti li jista' jitfa xi dawl fuq dan l-inċident.

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova li biha l-imputat jista' jiġi rinfaċċat u titnissel responsabilita' kriminali fis-sewqan tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.